Hames minuti ohra nkunu fuq Kastilja. Ma
CHAUFFEUR : tarax kif f'erba' minuti wasalna t-telgħa taċ-Ċimiterju ta'
Braxia...... *(pawsa)* Ehi...... ehi......

TESSIE : X'ġara?

Il-Pulizija għamilli sinjal biex inwaqqaf. (*Hoss*
CHAUFFEUR : *ta' car ieqaf f'daqqa*). Ikollna ndawru għan-niżla tal-
Monument ta' Spencer, imbagħad nibqgħu sejrin għall-Belt
minn Portu Novu.

TESSIE : Dan għaliex?

Għax għandha tidħol ir-Reġina l-Belt...... milli
CHAUFFEUR : jidher għall Każin Malti jew għall-Palazz...... il-Bieb tal-
Bombi magħluq bis-suldati.

TESSIE : Ih! Kemm sa niddawru...... Dir-Reġina...... x'biċċa
xkiel il-lejla......Mexxi kemm tiflaħ jekk jogħġbok...... forsi
naslu sa ftit minuti oħra.
*(Mixi qawwi u daqq ta' horn spiss. Pawsa. Hoss ta' car jieqaf f'daqqa).*

TESSIE : Għax waqaft?

CHAUFFEUR : Ara x'għandi quddiemi sinjurina...... il-karozzi tal-linja kollha weqfin...... bilkemm għandi minn fejn ngħaddi. *(Daqq qawwi ta' horn, imbagħad mixi qawwi ta' car)*. Fl-aħħar irnexxieli naqla' 'l barra......

TESSIE : Għaġġel qabel ma jilħqu l-karozzi ta' warajna, u jżommuna......

CHAUFFER : Xejn la tibża'; dawk ma jilħquniex...... Ara kif għoddna wasalna t-Telgħa tal-Kruċifiss...... it-telgħa tat-triq il-ġdida...... żewġ minuti oħra nkunu fil-pjazza ta' fuq Kastilja......

TESSIE : X'ħin hu?

CHAUFFEUR : Is-sitta u tliet minuti......

TESSIE : Ibqa' sejjer 'il ġewwa mill-Vernon, jekk jogħġbok.

CHAUFFEUR : Fejn trid tieqaf sewwa, sinjurina?

TESSIE : Quddiem il-bieb tal-Ġnien ta' Hastings.
*(Daqq ta' horn. Hsejjes ta' mixi ta' karozzi. Għajjat: "Żejtun, Mosta, Mellieħa...... Min hu għar-Raħal il-Ġdid?...... għal Birżebbuġa...... taż-Żejtun sejra"...... Pawsa. Hoss ta' car jieqaf).*

TESSIE : Iftaħli l-bieba, jekk jogħġbok...... ma nistax niftaħ...

CHAUFFEUR : Hawn, sinjurina.

TESSIE : X'għandek tieħu?



CHAUFFEUR : Tmien xelini, sinjurina...... flok nofs lira......
it-triq twila, u kif taf int...... mexxejtlek kemm stajt......

TESSIE : Ha, nofs lira karta għandi......

CHAUFFEUR : Insarrafhielek. (*Pawsa*) Sinjurina...... sinju-
rina...... Ara baqgħet sejra...... daħlet tiġri fil-ġnien......
sinjurina...... hawn il-bqija...... Lanqas tatni żmien insar-
rfilha...... Tassew imgħaġġla biex lanqas setnniet il-bqija...
sinjurina...... Baqgħet sejra...... (*Hoss ta' bieba ta' car
tingħalaq u ta' car jitlaq*).

TESSIE : Eddie...... Eddie! Jien hawn, Eddie. Ġejt...... Stennejtni, hux tassew?...... Le, le, ma mortx... mingħajrek... le, le...... ma jkun qatt Ed...... ma jkun qatt il jien immur imkien...... Bżajt li ma nsibekx......

EDDIE : Ġejt...... ma mortx......?

TESSIE : U int stennejtni hux tassew?...... Int taf li minħabba fik ma mmurx...... Bżajt li ma nsibekx......, ma nilħqekx...... ma narakx iżjed...... tħallini għal dejjem...... anqas irrid naħseb *(tinfexx tibki)*. Inti tħobbni hux tassew?......

EDDIE : Iva...... iva...... issa naf x'inhi mħabba ta' mara!

---

## PAGLIACCIO

Il-qoxra taż-żonqor
taħbi l-irtuba tat-trab
u l-ħmura tal-ħawħa
lid-dudu li fiha jinsab...

Timxi fit-triq u tidħak
u jaħsbu li tħossok bħal alla—
bil-mażżra tad-dwejjaq marbuta ma' għonqok,
kull ħolm ta' ħajtek falla.

W. P. G.

## ĠUSTIZZJA

Mal-lejl il-maġistrat mal-mara ġġieled.
Fil-għodu mar għall-Qorti bil-geddum.
U msejkna l-imħarrkin li ġew quddiemu.
Għax ħabs u multi fajjar dak il-jum.

V. C.